# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' April 2000

**Numru 37**

**Citaz. numru 318/93 DS**

Joseph Cutajar
vs
Ivan Falzon bhala Chairman ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Kalaxlokk Co. Ltd.

Illum, 7 ta' April 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Marzu 1993 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi fis-16 ta' Frar 1990 waqt li kien qed jaghmel xoghol fuq inkariku tas-socjeta' konvenuta, li maghha kien impjegat kellu incident li fih indarab f'riglu x-xellugija.

Illi kagun tal-griehi f'riglu, l-attur garrab danni f'dannum emergens u lucrum cesans, dawn ta' l-ahhar billi sofra debilita' ta' natura permanenti kif jirrizulta miz-zewg certifikati medici datati 28 ta' Awissu 1991 u 6 ta' Ottubru 1992 relaxxjati mill-kirurgu ortopediku Carmel Apap Bologna u li qed jigu esebiti u markati Dok. JC1 u JC2;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni kien jahti unikament il-konvenut nomine minhabba imprudenza, imperizja negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Illi l-konvenut nomine interpellat biex jaghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, baqa' inadempjenti;

talab lil din il-Qorti:

1 tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghall-incident fuq referit u ghad-danni kollha li b'konsegwenza tal-istess garrab l-attur.

2. tillikwida d-danni tal-attur occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut nomine biex ihallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala lilu dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 9 ta' Settembru 1991, u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1 Illi kemm mic-citazzjoni kif ukoll mid-dikjarazzjoni jidher car illi t-talbiet tal-attur huma marbutin ma' l-incident illi gara fis-16 ta' Frar 1990. Ghal dan l-incident is-socjeta' konvenuta ma kienet bl-ebda mod responsabbli (kif ma kienitx responsabbli ghall-incident precedenti tat-12 ta' Settembru 1989).

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat ir-relazzjoni tal-espert ortopediku Mr. Carmel Sciberras;

Ikkunsidrat illi:-

Mill-provi jirrizulta li l-attur kien impjegat mas-socjeta` konvenuta bhala *works technical officer*. Xoghlu, kif jispjegah hu stess (a fol. 21) kien li jigri fuq il-lantijiet tax-xoghol, jaghmel supervizjoni li x-xoghol qieghed isir sewwa u jara li n-nies qeghdin f'posthom. Fit-12 ta' Settembru 1989 wegga' waqt li kien fuq xoghlu. Xehed li waqt li qed jaqsam triq provvizorja maghmula mill-gebel, u li ried bil-fors jaqsam biex jghaddi ghal parti ohra tal-progett ta' M'Xlokk, kif ghaddej mit-tarf taghha tgerbeb iz-zrar bih u dak il-hin faqqghetlu rkobbtu tax-xellug. Huwa mar l-Isptar fejn rah Professur barrani u spicca taht il-kura tal-kirurgu Mr. Frederick Zammit Maempel li ghamillu ezami artroskopiku fil-5 ta' Novembru 1989. Minn dan l-ezami ma rrizulta l-ebda qtugh tal-*meniscus*. Pero` jidher li l-attur beda jattendi ghall-fizjoterapija. Huwa dam ma

rritorna ghax-xoghol sat-8 ta’ Frar 1990 (f’liema data, skond ix-xhud Edwin Mamo – fol. 108 – kien obbligat li jidhol altrimenti kien jigi kkunsidrat bhala *absent*).

Fit-3 ta’ Frar 1990 Mr Frederick Zammit Maempel irrilaxxja certifikat fejn qal li fl-opinjoni tieghu l-attur kien *“fit to return to work”*. L-attur mar ghand Dr. Joe Portelli Demajo (wiehed mit-tobba tas-socjeta` konvenuta) b’dak ic-certifikat u, skond l-attur, kif it-tabib ralu rkobbtu minfuha qallu li se jtieh erbat ijiem ohra ghax inkella hsara se jaghmlilha jekk jimxi fuqha. Ghalkemm ic-certifikat ta’ Dr. Portelli Demajo ma giex esebit, Edwin Mamo xehed dwar certifikat li kellhom ta’ l-imsemmi tabib li l-attur kien *“fit to resume duties from the 8th February 1990”*. L-attur dahal ghax-xoghol izda rega’ wegga’ fis-16 ta’ Frar 1990.

L-attur xehed li meta rritorna ghax-xoghol mar ikellem lil certu Paul Pace tal-*Personnel* u talbu jtieh xoghol fejn ma jistrapazzax saqajh. Izda dan irrifjuta u qallu li jew imur fl-areja msejjah *Point F* (fejn allura l-attur kellu jimxi aktar minn kilometru fl-imharbat) jew jghadduh *board*. Edwin Mamo xehed li skond il-*file* ma tirizultalux xi minuta li l-attur talab xoghol alternattiv bhala mizura temporaneja. Fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx li ma ghamilx it-talba. Anzi dak li qal l-attur huwa korroborat minn Paul Fava (fol. 132 – 133) li kien *Assistant Principal, Personnel*. Huwa qal:

> *“Jiena naf li korra rkobbtu, tant li jiena niftakarha minfuha. Jiena naf li kien ghamel zmien ma jigix ghax-xoghol u nfatti kien igibli c-cetifikati. Jiena niftakar li qabel it-tieni incident, l-attur kien gie ghandi u kien talab lill-kumpanija li ma jinghatax xoghol fuq dak l-istess site of work minhabba l-istat ta’ saqajh, ghax kien*

*construction site u kien iebes u kien hemm strapazz u l-art imharbta. Ix-xoghol tieghu kien jinvolvi jigri fuq il-lant. It-talba tieghu ma gietx accettata pero` ma nghatat ebda raguni ghal dan ir-rifjut. Sa fejn jirrigwarda lili jekk jinghata xoghol different minn dak li kien jaghmel ma kienx ha jeffettwa lili. Dak iz-zmien in-nefha f'saqajn l-attur kienet evidenti…. Bejn l-ewwel incident u t-tieni incident niftajar li ghaddew xi xhur. It-tieni incident gara meta l-attur rega' dahal ghax-xoghol u meta korra t-tieni darba kien ghadu fuq l-istess lant ta' xoghol li kellu l-ewwel darba. Fuq l-assignments tal-light duties ghalkemm ikun hemm certifikati medici l-ahhar kelma tkun tal-kumpanija u jkun hemm discretion tal-kumpanija. Anke dwar kambjamenti ta' xoghol ghal ragunijiet medici, il-kumpanija ghalkemm kienet tibghat ic-certifikat u l-individwu ghand it-tobba taghha, l-ahhar kelma kienet tkun tal-kumpanija. Ma kenitx procedura li ssir minute fil-file meta ssir rikjesta verbali mill-haddiem ghal bidla fix-xoghol ghar-ragunijiet medici. F'dak il-kaz jiena kont ninsisti ghal certifikat mediku u meta kien jingieb kien jidhol fil-file."*

Louis Abela li kien l-imghallem tal-attur ukoll ikkonferma li x-xoghol kien ta' strapazz (fol. 118).

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu (fol. 3 a retro) l-attur isostni li meta wegga' fis-16 ta' Frar 1990, dan kien dovut unikament "ghaliex kien kostrett jahdem f'kondizzjonijiet mhux adattati ghall-qaghda fizika tieghu dak iz-zmien". Huwa xehed (a fol. 27) li fis-16 ta' Frar *"… qalli hemm isfel jew xejn. Ergajt mort imxejt dik il-mixja; kif imxejt dik il-mixja, saqajja baq, faqqghet regghet bhalma ghamlitli l-istess bhal qabel."* Rah it-tabib, tah gurnata u qallu jara l-ispecjalista. L-attur irrikorra ghand l-

ispecjalista Mr. Carmel Apap Bologna li ddecieda jaghmel ezami artroskopiku iehor minhabba li ra li l-irkobba kienet minfuha. Min dan l-ezami sab ticrita zghira fil-*medial meniscus* u ghalhekk ghamillu *meniscectomy*. Mr. Apap Bologna xehed (a fol. 48 u fol. 57) li ghalih kollox kien relatat ma' l-ewwel korriment li kellu. F'dar-rigward issir referenza wkoll ghax-xiehda ta' Edwin Mamo (a fol. 108) fejn ighid li fis-16 ta' Frar 1990 *"kien hemm ir-rapport ta' 'the occurrence of the same accident' .... Ma jirrizultax li rega' wegga' pero` li rega' kien mugugh bl-istess ugiegh u fl-istess rigel. Fil-21 ta' Frar 1990 il-kumpanija regghet infurmat lid-Direttur tas-Servizzi Socjali fis-sens illi 'please note that the abovementioned employee who sustained injury at work 12th September 1989 and resumed work again on the 8th February 1990 reported re-occurrence of same injury on 16th February 1990'."*

Mill-provi li tressqu l-Qorti hi soddisfatta li l-incident originali gara fuq il-post tax-xoghol, li nonostante ezamijiet u kura li nghata wara l-ewwel incident huwa baqa' mugugh u b'irkobbtu minfuha u meta dahal ghx-xoghol ghalkemm talab li ma jinghatax xoghol ta' strapazz it-talba tieghu giet rifjutata, intbaghat jahdeb fl-istess kondizzjonijiet u konsegwentement rega' wegga' b'rizultat li kellu jigi operat. Fl-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta sostniet li ma kenitx responsabbli ghall-incidenti in kwistjoni. Izda ma gabet l-ebda prova li hija pprovdiet il-mezzi kollha possibbli ghall-protezzjoni tal-haddiema taghha u li l-incidenti graw ghax l-attur injorahom. Anzi jista' jinghad li naqset milli tipprovdi *a safe system of work*. Inoltre ma tirrizulta l-ebda kontributorjeta` da parti tal-attur. Ghalhekk is-ocjeta` konvenuta ghandha titqies responsabbli ghall-korriment tal-attur u d-danni konsegwenzjali.

**Damnum Emergens**

In sostenn tat-talba tieghu ghad-danni attwali l-attur esebixxa:

(1) erba' rcevuti rilaxxati minn M4 Pharmacy datati 17 ta' Marzu 1990 ghal Lm13.95, 31 ta' Marzu 1990 ghal Lm15.19,9, 25 ta' Gunju 1990 ghal Lm19.01 u 10 ta' Awissu 1990 ghal Lm 19.75 (Dok. JC8 sa JC11),

(2) rcevuta rilaxxata minn St. Mary Pharmacy ghal Lm93.61 (Dok. JC12), u

(3) zewg rcevuti rilaxxati minn Mr. Carmel Apap Bologna datati 26 ta' Awissu 1991 ghal Lm10 u 5 ta' Ottubru 1992 ghal Lm10.

Dawn igibu total ta' Lm181.51,9 (cioe' Lm181.52) li ma gewx kontestati u jidhru gustifikati.

**Lucrum Cessans**

Fic-certifikati tieghu tat-28 ta' Awissu 1991 u tas-6 ta' Ottubru 1992 (Dok. JC1 u JC2 a fol. 5 u 6) Mr. Carmel Apap Bologna kkonkluda li l-attur sofra dizabilita` permanenti ta' 15%. Fil-kors ta' dawn il-proceduri gie nominat bhala espert kirurgu ortopediku Mr. Carmel Sciberras li fir-rapport tieghu qal li huwa difficli li jigi stabbilit meta saret it-ticrita fil-*medial meniscus*. Qal li jista' jkun li bdiet kemm kemm fiz-zmien ta' l-ewwel artroskopija u mbaghad kibret sakemm saret ovvja fit-tieni artroskopija. Zied ighid li *"la l-muskoli, minkejja l-fizjoterapija intensiva u minkejja l-mixi kollu, ma kibrux, sa jibqghu nixfin permanentement. In-nuqqas tal-medial meniscus jippredisponi lill-irkobba biex din tizviluppa l-artrite qabel il-waqt."* Huwa kkonkluda li l-persentagg ta' dizabilita` ghandu jitqies fl-ammont ta' ghaxra fil-mija (10%). Il-Qorti ma ssibx

raguni biex ma takkoljix il-persentagg ta' dizabilita` stmat mill-kirurgu Mr. Sciberras.

Skond id-Dok. JC15 (fol. 75) il-*gross pay* tal-attur fl-1988 kien Lm4107.19. Skond id-Dok. EM8 (fol 142 et seq, li jirreferi ghar-*redundancy* volontarja tal-attur) il-paga fl-1991 kienet Lm62.83 fil-gimgha, li jfisser Lm3267.16 ghal sena. Naturalment din il-figura ma tidhirx li tiehu in konsiderazzjoni *bonuses* u *overtime*. Barra minn hekk mid-Dok. JC16 (a fol. 76) jidher li d-dhul tal-attur mill-*employer* gdid tieghu, is-socjeta` A.F. Ellis Ltd., wara li kien telaq minn mas-socjeta` konvenuta, naqas ghal Lm2943.67,5 fl-1992. Ghalkemm ma gewx esebiti il-P3s tas-snin 1989 u 1990, id-dhul tal-attur f'dawk is-snin ma jistax fi kwalunkwe kaz jittiehed bhala ezempju tal-potenzjal tieghu peress li kien korra.

Il-Qorti hija ghalhekk tal-fehma li huwa gust li ghall-finijiet ta' komputazzjoni jittiehed id-dhul *gross* tal-1988 fl-ammont ta' Lm4107 li tizdied ghal Lm4600 biex jittiehed kont taz-zidiet fl-gholi tal-hajja u l-inflazzjoni. Issa meta l-attur korra huwa kellu 44 sena li jfisser li kellu quddiemu hajja lavorattiva ta' 17-il sena. B'hekk ghandha tintuza din il-*multiplier*.

It-telf ta' qliegh futur ghalhekk irid jigi kkalkulat hekk:

| | | |
|---|---|---|
| Lm4600 fis-sena ghal 17-il sena | = | Lm78,200 |
| Dizabilita' permanenti 10% | = | Lm 7,820 |

Peress illi l-korriment gara aktar minn ghaxar snin ilu, qed isir tnaqqis ghal *lump sum payment* ta' 10% minflok 20%. Ghalhekk is-somma li qed tigi likwidata bhala telf ta' qliegh futur huwa Lm7820 – Lm782 = Lm7038.

Is-socjeta` konvenuta ghandha ghalhekk thallas lill-attur is-somma komplessiva ta' Lm7219.52 (Lm7038 + Lm181.52).

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attrici u

(1) tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali li garrab l-attur,
(2) tillikwida d-danni fl-ammont ta' Lm7219.52, u
(3) tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata ta' lm7219.52 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

D/REGISTRATUR

ONOR. IMHALLEF
DOTTOR DAVID SCICLUNA